tal-bniedem, meta x-xogħol tal-għaqli jidher fuq sisien li dalwaqt itir, dan jidher ftit kliem fl-ajru. Kull ħaġa tista' tintemm imma r-ruħ tal-bniedem hija eterna u meta tkun imwaqqfa fuq il-kolonni tal-fidi hija tkun wisq aktar 'il fuq minn fejn jistgħu jilħqu l-idejn taż-żmien u tat-tibdil. Iċ-Ċivilizzazzjoni tista' titfarrak, il-forzi esplussivi ta' ġo fiha jistgħu jġarrfu lis-Soċjetà, id-dinja tista' terġa' tmur lura lejn il-Barbariżmu u l-progress tal-bniedem jintesa, imma l-qalb tal-bniedem tista' tibqa' ferħana għax taf li l-individwu ma jistax jispiċċa, illi l-bniedem jista' jerġa' jibni dinja oħra mill-fdalijiet tal-qedem, illi ż-żmien innifsu ma jistax jirbaħ lil ruħ il-bniedem. Meta nifhmu dan aħna nindunaw li l-affarijiet m'humiex koroh daqs kemm inpinġuhom. Nistgħu naraw l-umanità bħala forza għamja miexja bla taf fejn miġbuda minn qawwa akbar li aħna nsejħu destin; nistgħu norbtu jdejna u nistennew li tfaqqa' s-sajjetta u tkarkarna lkoll fid-dlamijiet ta' gwerra oħra, imma minflok hekk nistgħu nħossu qalbna tifraħ meta għajnejna timraħ fuq xena sabiħa fi tlugħ u nżul ix-xemx u nisimgħu l-għasafar jimlew l-arja b'għana ħelu u ferrieħi—għana li qisu ma jimpurtahx min-niket tal-bnedmin u fil-għors tagħhom ninsew id-dwejjaq tagħna. Jekk immorru fi xtut il-baħar, fit-teatri, fil-postijiet tad-divertiment aħna naraw l-umanità tiddeverti u l-għajat tat-tfal, id-daħk tal-kbar, il-ferħ ta' kulħadd idaħħluna fi ħbiberija mat-tifsira tal-ħajja. B'hekk inkunu nħaffru fil-blat iebes tad-dwejjaq, tat-tfixkil u tad-disperazzjoni... u ma niskantawx jekk id-deheb ta' l-hena nsibuh hemm taħt.

Abram Galea.

---

## L-GHEDEWWA

Idra l-ħsieb li ma jistax ma jkollokx għedewwa, imma xejn la tiddejjaq. M'hawn ħadd fid-dinja, għalkemm f'ħajtu jagħmel il-ġid, sinċier u ma' jweġġa' 'l ħadd, li m'għandux xi għedewwa. Hemm ħaljin ta' nies li l-għira hi hekk magħġuna ġo fihom illi ma jgħaddux jekk ma jippruvawx iwaqqgħu u jagħtu malafama lil min għandu isem tajjeb.

Silvio Pellico.